# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Jannar 2004 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Frar 2004 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Marzu 2004 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' April 2004 fil-5.30p.m.

Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inheġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:

   http://www.ourladyofconsecration.org

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 57 JANNAR 2004 JITQASSAM BLA ĦLAS

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni
jawgura xewqat mill-isbaħ
għal sena tajba mimlija mħabba u paċi
lill-membri kollha tal-Moviment,
lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,
lill-Maltin u 'l-Għawdxin kollha
u l-proxxmu kollu.

Jalla l-Mulej Ġesù, il-Prinċep tal-paċi
jfawrilna qlubna bil-vera paċi,
u l-popli kollha tad-dinja jgħixu bħala
aħwa fi Kristu.

## IL-MISSJONI INTERNAZZJONALI TA' ĠUŻA MIFSUD

*(It-tielet Parti)*

Waqt il-laqgħa ta' talb ta' Lulju 1990, Ġuża qalet li barra l-laqgħat ta' kull xahar iridu jsiru tlieta ohra 'penitenzjarji'. "Għandna bżonn tafux għax allahares qatt, jekk il-Mulej ma jżommx idejh, x'waħda din! Ha jsir ħafna nkwiet u ħa jkun hawn ħafna biża' tafux... Jiena naf fejn ħa jkun għax id-dawl kollu tatuli l-Madonna, imma ma jiena ħa ngħid xejn għax imbagħad jibdew jagħmluli ħafna nġustizzji... Dawn il-laqgħat separati ser isiru biex Alla jitfa' l-ħarsa tiegħu sabiħa u ħanina fuqna u fuq id-dinja u ma jkollniex inkwiet. Mulej, Mulej, ħa nirreparawlek aħna għaliha din il-biċċa tax-xogħol... Taħsbux li hi xi ħrafa din. Affarijiet tas-Sinjura tal-Ħajja dawn għax is-Sinjura tal-Ħajja dejjem tidħol għad-dinja fejn ikun hemm l-inkwiet."

Kien biss ftit gimgħat wara, eżattament fit-2 ta' Awissu 1990 li l-Iraq invada l-Kuwajt, liema invażjoni wasslet għall-Gwerra tal-Golf. Is-sehem ta' Ġuża ma kienx limitat għall-kliem biss iżda għal darba oħra hi reġgħet kitbet ittri b'messaġġ ta' paċi lill-Presidenti Bush

u Saddam Hussein. Xhieda konkreta ta' dawn l-ittri huma żewġ *acknowledgements* oħra li Ġuża rċeviet mingħand il-President George Bush, liema *acknowledgements* jiġbdu l-attenzjoni ta' kulmin, kemm Maltin u barranin, jżuru d-dar tagħha.

Li ġej huma siltiet mill-ittra ndirizzata lill-President Bush u li ġġib id-data tat-8 ta' Jannar 1991:

Għażiż hija fi Kristu,

... Permezz tal-miġja tiegħek u tal-President Gorbachev f'Malta f'Diċembru 1989, jiena ħa ngħidlek li kien ġie rrivelat lili mill-Madonna li l-paċi minn Malta bdiet. Għażiż ħija fi Kristu, nixtieqek ħafna illi tagħti kasha dina l-ittra għax importanti ħafna.

Nhar il-Ħadd li għadda, 6 ta' Jannar 1991, il-ġurnata ta' l-Epifanija meta t-tliet Slaten Maġi ippreżentaw id-deheb, il-mirra u l-inċens lic-ċkejken Ġesù Bambin, jiena kelli kuntatt mal-Madonna. F'dik il-ġurnata ġie rrivelat lili illi inti trid tkun strument ta' paċi fid-dinja...

Dwar il-President Saddam Hussein ta' l-Iraq jiena ħa ngħidlek li l-Madonna qaltli biex nitlob ħafna lill-Mulej għalih sabiex dan il-bniedem, minn qalbu ta' l-azzar jagħmilhielu qalb tal-laħam biex thoss dak kollu illi jista' jkun ta' nkwiet kbir għad-dinja.

Il-Madonna jisgħobiha ħafna għax b'dawn il-gwerer, Ġesù l-Iben t'Alla, li twieled għalina minn din il-mara bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu, mhux ikun maħbub kif suppost. Hija qaltli li b'dawn il-gwerer imut min hu ħati u jmutu wkoll ħafna nies innoċenti.

Għażiż hija fi Kristu, inti m'għandekx tkun strument tal-gwerra. Daqs sentejn u nofs ilu l-Madonna kienet qaltli li l-paċi minn Malta trid tibda u jekk dil-gwerra ma sseħħx inti ħa tkun bħalma qaltli l-Madonna, strument kbir ta' paċi.

Wara li nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar 1991 spiċċat ir-rivelazzjoni li kelli mill-Madonna, għal ħabta ta' l-12.15pm, jiena ħarist lejn is-sema. Ix-xemx rajtha daqs Ostja li jkollu s-saċerdot fil-quddiesa, bdiet iddur ukoll ħafna fil-blu u fejn ix-xemx kien hemm żewġ anġli, wieħed fuq kull naħa u dawn l-anġli kellhom trumbetta. Ngħidlek ukoll li fuq ix-xbieha ta' l-Ostja, kien hemm tliet ittri 'D', 'V' u 'Z'. Dawna l-Madonna fissrithomli ħafna imma għalissa ma nistax ngħid xi jfissru.

Jinħtieġ li Ġesù ta' l-Ewkaristija jkun maħbub aktar, mhux biss fl-art żgħira ta' Malta u Għawdex, imma fid-dinja kollha speċjalment f'pajjiżek l-Amerka u anke fil-Kuwajt fejn għandna dan l-inkwiet. Lil Saddam Hussein għandna nagħdruh u nikkumpatuh għax hu mhux jifhmu lill-Mulej għax kieku ma kienx jagħmel hekk lil ħutu fi Kristu u jidħol fil-Kuwajt u jagħmel dawk l-affarijiet.

Jiena ħa ngħidlek li inti għandek raġun tgħid li hu mhux suppost għamel hekk imma mill-banda l-oħra ngħidlek li l-Madonna tridek ħafna li inti ġġib il-paċi fid-dinja, biex tkun strument imbierek u mqaddes mis-sema u li dan l-istrument jibqa' maħżuż ma' l-erba' partijiet tad-dinja.

Il-Madonna jisgħobiha li sejrin ħafna nies fl-Infern. Il-Madonna ma tridux dan, il-Madonna paċi trid, il-vera paċi li jrid il-Mulej. Il-Madonna trid li inti tingħaqad aktar mal-Mulej u mas-sema biex minnek ikollna l-paċi għad-dinja kollha.

Irrifletti ftit fuq dan illi irrivelatlek il-Madonna. Il-Madonna tħobbok ħafna u jiena qed nerġa' nwegħdek li qed nitlob ħafna għalik biex il-Mulej jużak u jagħtik ħafna għajnuna. Ħares 'il fuq lejn is-sema, lejn il-belt imqaddsa t'Alla, li hi wkoll pajjiżna permezz tal-mewt u tal-passjoni ta' Ibnu Ġesù. Hemmhekk ilkoll għandna post sabiħ, nibżgħu għalih, kemm inti, kemm jiena kif ukoll kull maħluq li jiġi mingħand Alla...

Nerġa' ngħidlek li qed nitlob ħafna lill-Mulej, lil Ġesù ta' l-Ewkaristija, lill-Ispirtu s-Santu, flimkien mal-Madonna u s-sema kollha għalik sabiex permezz tiegħek tiġina l-paċi fid-dinja. Qed nitlob ukoll għall-President Hussein biex il-Mulej Alla jikkonvertih u jressqu lejh. L-ultimatum tal-15 ta' Jannar tharisx lejh, mhux jiżdied sa' l-aħħar ta' Jannar imma paċi għal dejjem.

Ohtok fi Kristu, Guza Mifsud."

Ittra oħra bid-data 8 ta' Jannar 1991 ġiet mibgħuta lill-President Saddam Hussein. F'din l-ittra Ġuża qalet hekk:

"Għażiż hija fi Kristu,

Nixtieq ħafna li tħoss li din l-ittra hija grazzja kbira għalik ġejja mis-sema. Jiena oħtok fi Kristu, Ġuża Mifsud minn Malta li qed niktiblek u ngħidlek li jiena jkolli ħafna kuntatti jew rivelazzjonijiet mal-Madonna.

Nhar il-Hadd 6 ta' Jannar, 1991, kienet il-festa ta' l-Epifanija, festa kbira meta t-tliet Slaten Maġi pprezentaw id-deheb, l-inċens u l-mirra lil Ġesù Bambin. Bħalissa d-dinja għaddejja minn ħafna mrar bħal dik li wieħed minn dawn is-slaten offra lil Ġesù Bambin.

F'rivelazzjoni li kelli mal-Madonna dakinhar, il-Madonna qaltli biex nitlob ħafna għalik biex inti tkun tista' tħoss f'qalbek dik l-imħabba taħraq li kellu Ġesù għalina meta ġie fid-dinja biex jagħti l-paċi lid-dinja kollha. Ġesù ġie fid-dinja biex jagħtina l-paċi u mhux il-gwerer.

Jiena nixtieqek ħafna illi inti tieħu kont ta' din l-ittra sabiex tieħu ħafna ġid għalik innifsek u għal ħaddieħor. Il-Madonna qaltli biex ngħidlek li dina l-gwerra li ħa ssir fil-Golf wara li inti invadejt il-Kuwajt mhix ta' pjaċir għall-Mulej għax il-Mulej irid ibierek u jqaddes il-ġid li hu tagħna, iqaddes il-ħidma tagħna, iqaddes lilna nfusna.

Il-Mulej għandu ħafna mħabba lejna u kemm il-Mulej u kemm il-Madonna jixtiequ li inti tkun strument ta' paċi u mhux ikun hawn xi nkwiet fid-dinja li permezz tiegħu nibagħtu ħafna nies id-dinja l-oħra: nies li ma jridux gwerer, ma jridux inkwiet, nies illi jħobbu l-kwiet, iħobbu lil xulxin, iħobbu l-paċi u ma jħobbux id-dħaħen tal-gwerra u l-iġsma mdemmija u mejta.

Il-Madonna jisgħobiha ħafna meta tara tant nies sejrin l-Infern. Hija qaltli, 'Jiena ġibt lill-Iben Alla li twieled fid-dinja permezz tiegħi u ħa l-passjoni biex ikun strument ta' paċi u mħabba għad-dinja kollha.' Ġesù meta kien fid-dinja wkoll qala' ħafna nġustizzji u anka jekk taqla' xi nġustizzji inti, offriha għall-imħabba t'Alla.

B'qalbi kollha nixtieqlek ħafna paċi, ħafna rieda tajba u dawn il-gwerer la għandek xi tridhom inti u lanqas ħadd għax bil-gwerer ħadd mhu ħa jirbaħ. Kif stajt nisma' mill-Madonna kulħadd jitlef. Dawk in-nies li jaqgħu vittma tal-mewt dawk huma ħutna. Jiena nixtieq ħafna li fuqek tirrenja ħafna armonija, kwiet fil-kuxjenza, illi jkollok ħafna paċi f'qalbek u li tkun strument kbir ta' paċi. Jekk inti ma tafx il-lingwa tal-fidi kattolika, ma jimpurtax, il-Madonna tħobbok xorta, tagħdrek xorta u tużak xorta.

Il-Mulej u l-Madonna jridu li jkollna l-paċi fil-qrib, viċin u tkun dejjiema: dik il-paċi tant mixtieqa minn Alla, mis-sema u mid-dinja kollha u minn dawk in-nies ta' rieda tajba illi qegħdin jitolbu għalik biex ma jkollniex gwerra u nkwiet.

Għażiż hija fi Kristu, inti għandek tagħmel ir-rieda t'Alla u tal-Madonna li kemm jista' jkun iġġib il-kwiet u l-paċi anka fil-Kuwajt fejn inti invadejt għax dawk imsieken ukoll ħutek... Inwegħdek li ħa nitlob għalik ħafna biex il-Mulej u l-Madonna jagħtuk l-għajnuna u l-paċi tagħhom.

Oħtok fi Kristu, Ġuża Mifsud."

*(Ikompli f'ħarġa oħra)*

# L-ASSEMBLEA ĠENERALI

L-Assemblea Ġenerali li tiltaqa' kull tliet snin sabiex taħtar kumitat ġdid saret waqt il-laqgħa ta' talb tal-21 ta' Settembru 2003.

Wara li ntqal ir-rużarju u t-talba tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, inqraw il-minuti ta' l-Assemblea Ġenerali ta' qabel li kienet saret fis-17 ta' Settembru 2000. Imbagħad il-President tal-Kumitat, il-Perit Philip Azzopardi, qara r-rapport amministrattiv li fih ta dettalji dwar il-ħidma tal-Kumitat fis-snin 2000 sa 2003. Wara kien imiss lis-Sur Vincent Cassar, il-Kaxxier tal-Moviment, li qara r-rapport finanzjarju għall-istess perjodu.

Peress li kien hemm inqas nomini mill-massimu ta' membri kif stabilit fl-istatut ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir elezzjoni. Issejjħu t-tmien membri li kienu tefgħu in-nomina tagħhom u ġew milqugħa b'applaws ta' approvazzjoni minn dawk preżenti. Dawn kienu l-Perit Philip Azzopardi, Vincent Cassar, Charles Catania, Doris Catania, Carmen Garzia, Alfred Micallef, Rose Piccinino u Dr. Sylvana Spiteri.

Il-laqgħa mbagħad kompliet biċ-ċerimonja tal-qanpiena u talb ieħor.

L-ewwel laqgħa tal-Kumitat il-ġdid saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Ottubru 2003 fid-dar ta' Ġuża Mifsud f'16, Triq San Ġakbu, s-Siġġiewi. Fil-bidu tal-laqgħa Philip Azzopardi, Sylvana Spiteri u Vincent Cassar ġew rikonfermati bħala President, Segretarja u Kaxxier rispettivament.

Tajjeb jingħad li l-membri tal-Kumitat għas-snin 2003 sa 2006 kienu diġà jiffurmaw parti mill-Kumitat preċedenti. Il-Kumitat il-ġdid filwaqt li jirringrazzja lil dawk kollha li wrew il-fiduċja tagħhom fih jixtieq ukoll mill-qalb jirringrazzja lil Bro. Victor Privitera u lis-Sur Wenzu Cassar li minħabba raġunijiet ta' età ma kkontestawx biex ikunu membri, però t-tnejn urew ix-xewqa li jibqgħu jagħtu s-sehem tagħhom, kif filfatt qegħdin jagħmlu. Dan huwa ferm apprezzat minn kulħadd. Ma nistgħux ukoll ma nsellmux lil Gladys Campbell li ħallietna f'Mejju 2003 u li żgur qegħda tagħti l-kontribut tagħha mis-sema. Mulej agħtiha l-mistrieħ ta' dejjem...

# TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixhet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**C. Abdilla mill-Qrendi kitbet hekk:** Wara li siefru ħuti bqajt waħdi ġo dar kbira antika flimkien ma' tliet zijiet u ommi u missieri. Għext magħhom għal tletin sena sħaħ, nieħu ħsiebhom u fl-istess ħin noħroġ naħdem bħala għalliema. Wieħed wara l-ieħor ilkoll ħarġu mid-dar għal għand il-Mulej. Kien fadal biss missieri, raġel ta' 90 sena, mibni, marid b'xejn u kompletament f'sensih.

Darba, qisu għal ftit waqa' f'koma u ħadtu l-isptar fejn dam ġimgħatejn u wara xahrejn l-isptar Zammit Clapp. Ġie f'sensih sewwa però kellu arterja miżduda ħdejn l-għaksa ta' sieqr u ma setax imidd saqajh ma' l-art.

Ġie lura d-dar. F'xi l-10.00 ta' billejl kilt qalbi nisma' l-krib tiegħu minħabba l-uġigħ li kellu. Nina, l-kuġina, ġiet torqod għandi dak inhar peress li hi weħidha. "X'se nagħmlu?" qaltli. Ġietni idea fil-pront. Qbadt il-labtu tal-Madonna tal-Girgenti u qgħedtulu taħt il-*cushion* ta' taħt sieqr u għamiltlu ftit slaleb fuq sieqr minfuħa bl-ilma ta' Lourdes. Imbagħad mort quddiem l-istatwa li għandi tal-Madonna tal-Girgenti u tlabtha bil-ħniena, "Madonna, naf li missieri għandu 90 sena, kulma nixtieq hu li nkun nista' ndur b'missieri sal-mewt u ma nibgħathux ġo *home*. Għalhekk, agħmel illi jmiss saqajh ma' l-art. Taf int li idi x-xellugija ma tantx hi tajba u jekk ikun fis-sodda ma nkunx niflaħ indur bih." Wara din it-talba Nina u jiena bdejna r-rużarju. Haġa ta' l-għaġeb, wara l-ewwel posta l-krib waqaf u missieri raqad.

Sewwa sew ma nofs il-lejl, missieri stenbaħ u qalilna, "Ġiet soru libsa l-abjad hawn ma ġenbi u issa nħossni tajjeb ħafna." Nina qaltlu, "Zi, ma rajtx lili bin-*nightdress* bajda?" "Le," weġibha, "ma jistax ikun, inti ma tilbisx mant fuq rasek." Allura għedt jien, żgur għandu d-deni u qed jhewden. Ippruvajtlu t-temperatura u sibtha normali. "Rajtx," qalli, "għedtilkom li jien m'għandi xejn."

Missieri reġa' raqad u aħna rqadna wkoll. Mas-sitta ta' filgħodu stenbaħ u qalilna, "is-soru ara ġiet minn dak il-bieb (ta' fejn hemm l-istatwa) u baqgħet hawn ma ġenbi. Kif ma rajtuhiex?" Qbiżt jien u għedtlu, "Pa, allura din is-soru ma qaltlek xejn?" "U mela ma qaltlix! Qaltli, 'Filgħodu qabel ma tieħu t-te inżel imxi. Tibżax, ma taqgħax, jiena nkun hawn ħdejk.' U ser ninżel tafx!" u b'ħeffa ta' żagħżugħ dawwar riġlejh u niżżilhom ma' l-art. Kont pronta newwiltlu l-*walking aid*. Beda jimxi wara xahrejn u nofs *bedridden*.

Wara ġimgħa jimxi, n-nefħa enormi marret u sieqr ġiet bħall-oħra. Missieri għex sena oħra u ma kien ta' l-ebda piż għalija, kif jiena tlabt lill-Madonna.

Jiena, għalija kienet il-Madonna stess li ġiet tfejqu. Missieri kien raġel tajjeb tassew. Meta kien ikun xi ftit ma jiflaħx u kont nistaqsih, "Pa, għandek aptit ngħidu r-Rużarju?" Taf x'kien iweġibni? "Il-Madonna ma qaltilniex, 'Għidu r-rużarju meta jkollkom aptit' imma biss, 'għidu r-rużarju'. Mela ibda ħalli nitolbu!"

**Robert Mifsud minn Tas-Sliema kiteb hekk:** Jiena, Robert Mifsud minn tas-Sliema nixtieq naqsam magħkom storja vera li ġrat f'Lulju li għadda. Mela tlajna Għawdex għal erbat ijiem vaganza. Il-Ħamis 24 ta' Lulju morna x-Xlendi għal għawma mal-familja. Wara xi ħin gidmuni żewġ bramiet u l-uġigħ u l-ħruq li kelli kienu ta' barra minn hawn.

Il-mara tiegħi kellha *spray* li għamlitli fuq il-ħruq, però ma tantx għamel effett għax l-uġigħ hemm baqa' u baqa' qawwi. Iżjed tard tlajna fil-flat u għamilt is-silġ fuq il-feriti. F'dak il-mument biss kelli naqra serħan, iżda mhux għal kollox. Dak illejl stajt norqod, però l-uġigħ xi ftit jew wisq hemm baqa'.

Bqajt nagħmel *creams* sal-Ħadd iżda kważi ġew għar milli kienu għax saru ħomor nar u jaħarqu nar. Jien kont ħa nibda ninkwieta għax sa' l-Erbgħa ta' wara baqgħu xorta. Dakinhar iddeċidejt li mmur l-ispiżerija. Kont sejjer iżda kien hemm ħafna nies jistennew u qtajta li ma mmur imkien. Ftit wara ġieni ħsieb fuq l-ilma tal-Girgenti. Ftaħt il-*cupboard* u qbadt dak l-ilma u tfajtu fuq iż-żewġ feriti.

Minn dak il-mument li tfajt l-ilma sallum (13/08/2003), qatt ma reġgħu tawni fastidju. Grazzi Madonna, grazzi Mulej.

**F. Grech minn Birżebbuġa kiteb dan li ġej:** Nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

Kont inbati minn kwantità ta' dmugħ li kuljum kien jinżel minn għajnejja tax-xellug. Ippruvajt ħafna affarijiet u fl-aħħar mort għand it-tabib. Qalli li għandi bżonn *injection* f'għajnejja biex id-dmugħ jieqaf. Jiena bżajt nagħmilha li ma mmurx ma narax aktar.

Kien hemm ħabiba tiegħi li meta għedtilha bli ġara ġabitli flixkun ilma tal-Madonna.

Jiena bdejt nagħmel biċċa tajjara bi ftit ilma tal-Madonna u nżommha fuq għajnejja għal ftit ħin, u ngħid tliet Ave Marijiet b'fidi kbira.

Fi ftit żmien id-dmugħ waqaf għal kollox u ninsab imfejqa għal kollox. Mill-ġdid nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja kbira li tatni. Nirringrazzja wkoll lill-ħabiba tiegħi ta' l-ilma tal-Madonna li tatni għax għandu qawwa speċjali. Grazzi ħafna.

**C. Busuttil minn tas-Sliema** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tagħhom. Kienet batuta minn għajnejha li kienu qegħdin idemmgħu. Marret il-Girgenti fis-7 ta' Settembru 2003 u għamlet l-ilma fuq għajnejha. Sa filgħaxija kien għaddielha kollox.

**John Galea mill-Imgarr** qalilna li kien rifes bebbuxu vvelenat u kienu ser jaqtgħulu siequ. Kien imur jitlob quddiem il-Madonna tal-Girgenti u sadanittant bdew jittardjaw il-ġurnata ta' l-operazzjoni. Il-Professur iddeċieda li jneħħilu biss żewġ



swaba u mhux sieqi kollha. Wara l-operazzjoni jinsab tajjeb ħafna u baqa' jmur ħdejn il-Madonna darbtejn fil-ġimgħa.

**A. F. minn San Ġiljan kitbet hekk:** Nirringrazzja lill-Madonna u l-interċessjoni ta' l-għażiża Ġuża għall-grazzja li qlajt u li kienet importanti ħafna għalija. F'Marzu 2000 kelli nagħmel operazzjoni biex ineħħuli l-fibromi li kelli. Tant kelli li l-ispeċjalista qalli li stajt nitlef l-utru apparti li seta' jkolli wkoll *cancer*. Jiena tlabt ħafna u saħansitra waqt l-operazzjoni poġġejt labtu tal-Madonna taħt l-imħadda. Jiena żgura li l-Madonna kienet miegħi għax għalkemm il-parir lill-ispeċjalista kien biex ineħħuli kollox, iżda hu salvali kollox u lanqas *cancer* ma kien hemm.

**C. Deguara mir-Rabat** tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud għax it-tifel kellu riżultati tajbin dwar qalbu.

**N.N. mill-Birgu** tgħid li ma setgħetx tinstab għalliema għal tifel li hu *hyperactive*. Malli ommu talbet lil Ġuża malajr sabulu min jieħu ħsiebu.

**N.N. tirringrazzja** lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u r-ruħ ta' Ġuża Mifsud.

**E. Carabott minn Birkirkara kitbet:** Nirringrazzja lill-Madonna taħt it-titolu tal-Konsagrazzjoni għaliex xi għaxart ijiem fuq ċesarja, il-mara tat-tifel qabadha uġigħ u kellha tagħmel xi jumejn l-isptar. Tlabt lill-Madonna għaliha u r-riżultat hareġ tajjeb. Għall-grazzja t'Alla u tal-Madonna ma kellha xejn. Jiena tlajt ngħid ir-rużarju l-Girgenti bħala ringrazzjament lill-Madonna.

**C. Xerri tirringrazzja** lill-Madonna tal-Girgenti li r-riżultat dwar ommha hareġ tajjeb.

**J. Griscti minn tas-Sliema kitbet hekk:** Jiena qlajt żewġ grazzji mingħand il-Madonna ta' Ġuża. Fit-13 ta' Marzu 1986, jiena mort għand Ġuża għax xtaqt illi mmur l-għalqa tal-Girgenti. Donnha kienet f'moħħi u kienet taf li ma kontx niflaħ għax qaltli, "Għad tmur bosta drabi l-għalqa." Meta bdejna nitolbu, Ġuża qalet, "Nitolbu għall-familja ta' din il-mara." Jien għedtilha, "Nitolbu għal oħti li toqgħod ir-Rabat." Ġuża għolliet subgħajha u qaltli, "Għal dik ser nitolbu b'mod speċjali." U vera kien b'mod speċjali għax oħti Monica tfaċċalha cancer f'sidirha li kien malinju. L-boċċa kienet kbira daqs 6ċm iżda meta operawha, Mr. Zammit sabilha rieqda.

Grazzja oħra kienet dwar it-tifel li kellu problema fuq ix-xogħol li iżda solviet ruħha mingħajr inkwiet.